MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 149/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Joseph Mifsud talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, għax-

xhur ta’ Awisuu 2012 sa Ottubru 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jagħti lil Maria Elena Mifsud u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-3 ta’ April 2013 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Mifsud ħati u kkundannatu xahar (1) priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Mifsud ippreżentat fl-4 ta’ April 2013 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma u tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonferma l-istess sentenza fejn fiha huwa ġie ddikjarat ħati ta’ l-imputazzjoni dedotta, u tirrevokaha u tħassarha f’dik il-parti fejn ġie kkundannat għall-piena ta’ xahar detenzjoni (*recte:* priġunerija), u minflok timponi piena li tkun aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi kollha ta’ dan il-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; rat il-verbal ta’ l-20 ta Ġunju 2014 fejn il-partijiet iddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu li, in vista ta’ digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-21 ta’ Mejju 2014, il-bilanċi tal-manteniment mertu ta’ din il-proċedura ma humiex aktar dovuti u għalhekk ma hemm ebda bilanċ pendenti; rat in-nota ta’ l-appellant ippreżentata fl-4 ta’ Lulju 2014 u d-dokumenti hemm annessi; semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tallum stess; ikkunsidrat:

**5.** L-appell intavolat jirrigwarda l-piena nflitta li l-appellant qies bħala eċċessiva stante l-ammissjoni bikrija tiegħu, il-fatt li kien diġa` ħallas kważi żewġ terzi mill-ammont dovut, il-fatt li kien talab lill-Qorti kompetenti varjazzjoni fl-ammont ta’ manteniment, u l-fatt li ma kienx baqa’ jipperċepixxi l-introjtu li

kien jipperċepixxi fil-passat minħabba raġunijet ta’ saħħa. Effettivament, kif diġa` ġie osservat, it-talba ta’ l-appellant quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ġiet milqugħa billi b’digriet tat-30 ta’ Jannar 2014 dik il-Qorti ddisponiet mir-rikors li l-appellant kien intavola quddiemha fil-25 ta’ Lulju 2012 billi mmodifikat id-digriet tal-5 ta’ Mejju 2010 “fis-sens illi b’effett mill-5 ta’ Novembru 2013 il-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment *pendente lite* fis-somma ta’ mitejn euro (200) kull ġimagħtejn bil-modalita` gia` stabbilita”. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk irriżulta li l-appellant m’għandu jħallas lil martu xejn aktar minn dak dovut għax-xhur imsemmija fiċ-ċitazzjoni.

**6.** Naturalment, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

> **“l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament.”**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**6.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------